# L-INĦAWI TA' L-IMRIEĦEL

## Kitba ta' Philip Xuereb



Dawn l-inħawi magħrufin popolarment bħala **l-Imrieħel**, sa mill-eqdem taqsim ta' Malta f'parroċċi, kienu maqsumin bejn dik ta' Birkirkara u dik ta' Ħal Qormi permezz ta' Triq l-Imdina, li għadha sal-lum timmarka l-limiti bejn dawn il-parroċċi. Anzi s-Salib ta' l-Imreħel, (ara ritratt) li jinsab in-naħa ta' wara ta' l-iskola, wara l-akwedott ta' Wignacourt u fejn il-bypass il-ġdida taqbad mat-triq li mill-Belt tieħu għall Imdina, għadu sal-lum jimmarka dawn il-limiti. Mhux biss imma minn meta twaqqfu l-parroċċi ta' Ħ'Attard u Ħal Balazn, ma' dan is-salib kienu jiltaqgħu l-limiti ta' l-erba' lokalitajiet imsemmija.

F'dawn l-inħawi li sa ftit ilu kien għadhom qalb ir-raba' fil-kampanja ta' madwar Birkirkara, kien hemm u għad hemm strutturi karatteristiċi, li l-fotografija, jew l-arti żammew tifkira tagħhom fil-każli nqerdu jew inbidlu. Inkella huma xhieda ta' l-antikita' tagħhom jew ta' kif kienu jidhru fl-imgħoddi, imqar jekk m'ilux ħafna. imma bir-rata li qed iseħħ it-tibdil fi żmienna, għal ħafna llum, l-istampi li qed jidhru ma' din il-kitba għandhom mnejn jidhru li għandhom iż-żmien taż-żmien.

ii. Fit-tieni ritratt tidher medda ta' l-akwedott u minn Triq l-Imdina, minn ħdejn il-Palma ta' l-Imrieħel u lejn fejn illum tinsab l-iskola. Dan ir-ritratt ittieħed xi ħamsin sena ilu u dik l-għalqa li fiha jidher l-akwedott m'għadhiex teżisti għax minfloka llum tgħaddi l-parti tat-triq li fiha nsuqu lejn il-Belt. Din kienet twessgħet qrib l-aħħar tas-snin sebgħin. Wara l-akwedott, lejn nofs ir-ritratt jidhru xi awrikarji għolji, li jindikaw li hemm jinsab il-ġnien ta' Sant'Anton.

Imma fl-isfond aktar lejn ix-xellug jidhru soqfa qishom ta' fabbrika jew tinda tal-pjanċi. Dawn kienu jiffurmaw parti mill-iskola teknika tas-subien li kien hawn qabel ma nbniet l-iskola Santa Tereża. Fil-fatt, din l-iskola ma kinitx f'xi bini li kien sar apposta, imma bdiet f'dar kbira li għad hemm in-naħa ta' Triq l-Imdina u li magħha dejjem żieda u llapazzaw. Strutturi oħra ta' din l-iskola ġew ikkonvertiti f'*social housing* ma' xi flettijiet oħra li nbnew lejn nofs is-snin sebgħin tas-seklu li għadu kif intemm.





Kien il-grawnd tal-futbol ta' dik l-iskola teknika li bdiet tinbena l-iskola Santa Tereża xi għaxar snin qabel, u li bdiet tintuża fl-1969. Qabel, l-iskola Santa Tereża kienet fl-Imdina, f'dik li kienet il-Banca Giuratale, it-*town hall* jew ċentru ċiviku kif forsi ngħidu llum, ta' dik il-belt. Dan jinsab fit-triq ewlenija ta' l-Imdina, kantuniera mal-pjazza tal-Katidral.

iii. Kemm kemm tidher fl-istess ritratt, 'il hawn mit-tined imsemmija u fit-tarf tal-ħajt tas-sejjieħ, jidher dak li kien magħruf bħala l-**Għajn ta' Nofs Triq** għar-Rabtin, u **Għajn ta' l-Imrieħel** għall-Karkariżi. (ara t-tielet ritratt) Minn dawn l-għejun ftit fadal, għax anke l-għajn imsemmi, flimkien ma' sieħbu li kien hemm fil-Wied ta' Birkirkara, kien tneħħa meta twessgħet it-triq. Kienu jservu biex jisqu l-bhejjem: żwiemel, ħmir u bgħula, li kienu l-muturi tal-vetturi qabel il-motorizazzjoni - jekk trid il-*petrol stations* ta' mitt sena ilu. Kienu jkunu magħmulin mill-ġebla tal-qawwi, b'xi żewġt iħwat għall-ilma, u fuq pedestall fin-nofs kien jogħla fanal tal-ħadid li fih kienet tinxtegħel lampa tal-pitrolju. Mad-dawra kien hemm ukoll bħal plieri baxxi li kienu jservu wkoll biex jgħinu lil dak li jkun jirkeb il-bhima jew il-karettun. F'dan ir-ritratt madankollu jidher karozzin, li dak iż-żmien ma kienx biss attrazzjoni turistika, iżda mezz ta' trasport għal kull min kien jinħtieġ. Wara l-karozzin u 'l ġewwa mis-siġar li jidhru, hemm id-daħla lejn Birkirkara minn taħt l-arkati ta' l-Akwedott, u li llum tiġi ħdejn l-iskola Santa Tereża. Sa kemm ma twessgħetx it-triq kif għedna, żewġ arkati biss kienu miftuħin għat-traffiku, u mhux erbgħa sal-lum.



iv. F'dan ir-ritratt, meħud eżatt kontra t-tieni wieħed, juri aktar 'traffiku' qrib l-għajn, fosthom fuq ix-xellug jidher karettun 'speċjali' li seta' kien tal-bejjiegħ tal-pitrolju jew inkella tal-bexxiex tat-toroq. Il-bini li jidher waħdu fuq l-isfond għadu jeżisti sal-lum ħdejn il-palma ta' l-Imrieħel. Fiż-żmien li ttieħed ir-ritratt aktarx li kien jintuża bħala kalkara tal-ġiri, iżda qabel kien **mitħna tar-riħ**. Sa xi erbgħin sena ilu, bosta Karkariżi kienu jitilgħu ħdejn dan il-għajn nhar l-Imnarja fil-għaxija, biex jaraw il-karettuni u l-bhejjem niżlin mill-Buskett u speċjalment lir-rebbieħa tat-tiġrijiet bil-paljijiet tad-damask li kienu jirbħu.



v. Dan ir-ritratt ikolli ngħid ittieħed fis-seklu dsatax, għax aktarx li fl-għelieqi li jidhru lil hawn mit-tren, kien inbena l-Kulleġġ San Alwiġi. Fil-fatt il-linja tal-ferrovija kienet tgħaddi mit-triq li llum hemm bejn il-kulleġġ innifsu u l-grawnd tal-futbol tiegħu. Allura aktarx li lil hemm mit-tren u qrib l-akwedott li jidher fl-isfond hu s-sit fejn illum tinsab l-iskola Santa Tereża.

Bosta huma dawk li għadhom jiftakru l-linja nnifisha, għalkemm mingħajr il-ħadid, bejn wieħed u ieħor minn fejn hemm il-waqfa tat-tren għan-nofs ta' Ħal Balzan. Is-siġra kbira tal-ficus u l-palmiet qabel taqbad il-Vjal De Paule għadhom juru fejn kienet dil-waqfa. Imbagħad kienet tibqa sejra lejn Ħ'Attard minn wara l-lukanda *Corinthia*. Id-dar li tidher hi dik id-dar antika li hemm wara bitħa ta' ġewwa ta' l-iskola, l-eqreb lejn is-Salib ta' l-Imrieħel, u li mill-bitħa tagħha sa xi sentejn tlieta ilu, kienet togħla palma twila. Kien għadha anqas ma nbniet id-dar l-oħra li fiha kienet inbdiet l-iskola teknika tas-subien, li bosta għadhom jiftakru.

vi. Dan ir-ritratt ukoll, aktarx li ttieħed f'raba' li kien hemm fejn illum hemm l-akbar bitħa ta' l-iskola. Juri attivita' agrikola interessanti li llum ilha li spiċċat: id-dris fuq il-qiegħa. Fost il-bhejjem jidher li hemm barri jew baqra (sewda), żiemel (abjad) fin-nofs, u ta' lil hawn aktarx li hu bagħal. Il-bidwi jidher iqalleb it-tiben bil-midra, li kienet bħal furketta kbira ta' l-injam, bi tliet ponot miżmumin issikkati mal-lasta bil-ġild.

vii. Din l-istampa wkoll turi l-inħawi fejn illum hemm il-liċeo tal-bniet, iżda flok fotografija hija akkwarell. L-artist jidher li kien in-naħa ta' ġewwa ta' l-akwedott, fi Triq l-Imrieħel xi mkien fejn din illum taqsam Triq Bontadini. Tidher id-dar l-antika bil-palma għolja li ssemmiet aktar 'il fuq (ara v)

vii. U la qegħdin hawn ta' min isemmi in-**Niċċa ta' l-Infetti** li hemm aktar 'l isfel fit-triq imsemmija. L-istat tagħha llum xejn ma hu feliċi. Iżda din in-niċċa hija monument uniku f'Birkirkara, għax tfakkar l-imxija tal-pesta tal-1813. Sa ftit ilu kienet tinsab fit-tarf ta' **Sqaq l-Infetti** li kien iwassal sa għalqa li kienet intużat bħala ċimiterju għad-dfin tal-vittmi fl-epidemija msemmija. Dan kien fejn illum hemm il-grawnd tal-futbol ta' Klabb ta' Birkirkara. Id-dħul kien minn rixtellu tal-ħadid f'arkata li kienet saret apposta, u li kienet tiġi xi mkien ħdejn id-daħla tal-***gymnasium*** tal-Kulleġġ San Alwiġi. Dan iċ-ċimiterju kien sar dfin fih ukoll fl-aħħar gwerra dinjija, meta kemm il-kulleġġ kif ukoll l-iskola primarja ta' Birkirkara kienu ntużaw bħala sptar. Dak iż-żmien ukoll f'Birkirkara kien hawn ħafna refuġjati għalhekk li l-popolazzjoni telgħet għal bejn erbgħin u ħamsin elf ruħ. Għalhekk f'dawk iċ-ċirkustanzi ma kienx possibbli li min kien imut minn dawn jittieħed biex jindifen f'raħal jew belt twelidu. Il-grawnd il-kbir tal-futbol li llum jintuża mill-klabb ta' Birkirkara sar fis-snin sebgħin u l-ieħor fis-snin tmenin.

ix. Hija interessanti ħafna wkoll dik il-parti l-mibnija ta' l-Imrieħel, bejn it-triq bl-istess isem u t-triq ikun imsemmija għal Vittorio Cassar, li jidher li hu nukleu antik ħafna u sa xi mitt sena ilu, kien armajn l-unika parti ta' Birkirkara li kien hemm fuq in-naħa tal-Knisja l-Qadima tal-wied. Fiha karattru għaliha dik l-ispeċi ta' pjazzetta żgħira u kwieta biż-żewġ niċeċ donnhom tewmin, bi statwi ta' Santa Liena u tal-Madonna. Bosta mid-djar għandhom karatteristiċi tipiċi ta' l-arkitettura tradizzjonali ta' l-irħula hekk li wieħed kważi jiskanta li jsib ruħu f'ambjent simili, pass biss mill-iżvilupp urban reċentissmu ta' ħdejn il-Knisja l-Qadima. Imbagħad fit-tarf sew ta' l-istess Triq Vittorio Cassar hemm dik l-istruttura li ma tistax ma tiġbidx attenzjoni u interess għall-fatt li fiha żewġ armi araldiċi, minquxin fil-ġebla lokal fi speċi ta' gwarniċ. Waħda hija ta' l-Isqof Tommaso Gargallo (1578-1615) u l-oħra ta' l-Isqof Baldassare Cagliaris (1615-1636). Dan ta' l-aħħar kien l-uniku Isqof Baldassare Cagliaris (1615-1636). Iżda mhux magħruf aħjar x'kien l-iskop li dawn l-armi jinsabu hemm, għal madwar erba mitt sena, bħal oħra simili, ta' l-Isqof Cagliaris ukoll, li hemm ma' dar qrib il-knisja tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied.